F. S. CARUANA

# GRAMMATKA U ORTOGRAFIJA TAL-MALTI FIL-QOSOR

STAMPAT IT-TIELET DARBA
BI FTIT TAŻ-ŻJIEDA

MALTA
"EMPIRE PRESS"
1934

PJ9613
.C3
P.B.
190
C

(8)
WWR, B 8

F. S. CARUANA

# GRAMMATKA U ORTOGRAFIJA TAL-MALTI FIL-QOSOR

STAMPAT IT-TIELET DARBA
BI FTIT TAZ-ZJIEDA

MALTA
"EMPIRE PRESS"
1934

*L-ewwel ħarġa* fi "Il-Malti" 1925

*It-tieni ħarġa* fl-1932 — 2,000 kopja

*(Copyright 1934)*

# LILL-QARREJJA

Bħalma għidt *"lill-qarrejja"* fit-tieni ħarġa, dan ix-xogħol żgħir kont stampajtu l-ewwel darba biċċa biċċa fir-rivista IL-MALTI (1925), imħajjar mill-Kavalier Ġużè Muscat-Azzopardi li kien l-ewwel President tal-*Għaqda* tagħna u li, miegħi, kien tant ħabrek biex, erbatax-il-sena ilu, ġbarna l-kittieba tal-Malti u waqqafna *l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.* Kommissjoni maħtura għalhekk mill-*Għaqda* kienet ħarġet, fl-1924, it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* li fuqu jien kont bnejt dan ix-xogħol żgħir li għandkom f'idejkom.

Fl-1932, mita din l-ortografija bdiet tiġi mgħallma fl-Iskejjel tal-Gvern, stampajtu fi ktejjeb żgħir, u l-lum li l-Gvern qiegħed jinqeda bl-ortografija tal-*Għaqda* fl-eżamijiet u fil-pubblikazzjonijiet tiegħu bil-Malti, irġajt ħriġtu għat-tielet darba b'xi ftit taż-żjieda u tat-tiswija.

F'dan id-daqsxejn ta' ktieb ma ssibux ir-réguli kollha ta'l-Ortografija u tal-Grammatka Maltija, iżda ssibu biżżejjed biex tibdew tifhmu kif inhuma mibnija dawn ir-réguli u ssibu xi jmexxikom biex, bi ftit tal-ħsieb u tat-tqabbil ta' kelma ma' oħra, tistgħu taslu biex tiktbu mingħajr ebda għelt. Wara li tkunu flejtu u fhimtu dan ix-xogħol żgħir, ikunulkom ta' fejda liema bħalha l-kotba l-oħra ta' Grammatka u ta' Ortografija li għandna u l-iżjed it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* li hu għajn ta' tagħlim għal min tassew irid jitgħallem.

F. S. CARUANA

24 ta' Awissu 1934.

# BIBLIJOGRAFIJA


| | | |
|---|---|---|
| MICHEL ANT. VASSALLI | *Lexicon Melitense-Latino-Italum* | 1796 |
| ,, ,, ,, | *Grammatica della Lingua Maltese* | 1827 |
| ĠANNI VASSALLO | Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija | 1901 |
| GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI | Tagħrif fuq il-Kitba Maltija | 1924 |
| ĠANNI VASSALLO | *L'Ortografia Maltese* | 1928 |
| ANT. CREMONA | *A Manual of Maltese Orthography and Grammar* | 1929 |
| ĠANNI VASSALLO | It-Tieni Muftieħ tal-Chitba Maltija | 1931 |

---

| | | |
|---|---|---|
| GIO BATTA FALZON | *Dizionario Maltese-It.-Ing.* | 1882 |

## L-ALFABET

L-Alfabet Malti; magħżul mill-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, hu dan:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | A, a. | arda, ġieb (flok ġâb) |
| 2 | B, b. | bejt |
| 3 | Ċ, ċ. | ċajta, ċpar, ċirċ |
| 4 | D, d. | dud |
| 5 | E, e. | elf, xena |
| 6 | F, f. | fehma |
| 7 | Ġ, ġ. | ġandar, ġfien, żewġ |
| 8 | G, g. | gendus, xellug |
| 9 | GĦ, għ. | tagħna, għorfa |
| 10 | H, h. | deher, fih |
| 11 | Ħ, ħ. | melħ |
| 12 | I, i. | ixtri, bir |
| 13 | J, j. | bjar, jiena |
| 14 | K, k. | ktieb, kelb, kokka |
| 15 | L, l. | lewlu. |
| 16 | M, m. | mitħna |
| 17 | N, n. | nar |
| 18 | O, o. | omm, morr |
| 19 | P, p. | pespus |
| 20 | Q, q. | qorq |
| 21 | R, r. | ruħ |
| 22 | S, s. | sies |
| 23 | T, t. | tibna, tuta |
| 24 | U, u. | użin, sufa, ħuti |
| 25 | V, v. | venven, vleġġa |
| 26 | W, w. | wirdiena, sewda |
| 27 | X, x. | xemx |
| 28 | Z, z. | zokk, zuntier |
| 29 | Ż, ż. | żunżana |

Minn dawn 5 huma vokali u 24 huma konsonanti

Il-vokali huma: a, e, i, o, u

Il-konsonanti huma: b, ċ, d, f, ġ, g, għ, h, ħ, j, k, l, m, n, p, q, r, s, t, v, w, x, z, ż.

Dan l-alfabet hu msejjaħ alfabet fonetku: (*fono* = leħen). Fih DEJJEM għall-istess ħoss *wieħed* tidher l-istess konsonanti *waħda* QUDDIEM KULL VOKALI JEW KONSONANTI LI TKUN.

## L-ITTRI U S-SILLABI

1 Kull leħen għandu jkollu għalih ittra waħda: *ċirċ*, *ċurkett*, *ġeru*, *gorboġ*, *gerger*.

L-ittri *għ* għal-leħen ta' *għajn* jitqiesu ittra waħda u, għalhekk, aħjar jinkitbu ma' xulxin *għ*.

**2** Kull sillaba ma jistax ikollha iktar minn vokali waħda: *ħa-ġa* u mhux *ħa-ġia*, *kax-xa* u mhux *kax-xia*, *sej-jer* u mhux *sei-ier*, *taw-wal* u mhux *tau-ual*, għax kull vokali tagħmel sillaba għaliha.

Il-*ie*, fi kliem bħal *ġieb*, *bieb*, *missier*, titqies bħala vokali waħda, għax ma hix ħlief il-kisra ta' *â* twila.

Żewġ kelmiet wara xulxin jitqiesu waħda, u għalhekk niktbu *ħafna wlied* (mhux *ħafna ulied*), *mita jfieq* (mhux *mita ifieq*) li jinqasmu: *ħa-fnow-lied*, *mi-taj-fieq*. Hekk ukoll *mita nsiru*, *mita r-raġel* u mhux *mita insiru*, *mita ir-raġel*.

L-*i* ta' *insiru*, *ir-raġel*, hi *eufonica* jiġifieri tal-leħen, u għalhekk żejda; ninqdew biha mita dik il-kelma tkun fil-bidu jew wara kelma li tispiċċa b'konsonanti biex tista' tinqara, u biex biha ssir sillaba oħra: *Ir-ra-ġel*, *ejjew in-siru*. Hekk ukoll: *Uċuħ* iżda *ħafna wċuħ*; *hekk ikun*, iżda *malli jkun*.

**3** Bejn il-vokali ta' sillaba u l-vokali ta' sillaba oħra, irid ikun hemm konsonanti: *mi-ja* u mhux *mia*, *bi-ja* jew *bi-ha* u mhux *bia*, *duwa* u mhux *dua*.

**4** Kull sillaba jrid ikollha vokali bil-fors, wakt li vokali weħidha taqdi ta' sillaba: *ġib*, *ruħ*, *xtaq-i-dur*, *kiel-u-koll*, u mhux *ġjb*, *rwħ*, *xtaq jdur*, *kiel wkoll*.

Minn dan kollu rajna li żewġ vokali wara xulxin ma jistgħux joqogħdu mhux biss fl-istess kelma, imma lanqas f'żewġ kelmiet wara xulxin.

Dan, barra minn:

a) meta l-vokali tal-bidu tat-tieni kelma jkollha l-aċċent fuqha: *faxxa ûsa*, *rajtu ìdjaq*, *sema ìkħal*, *mara àgħmja*. Dawn aktarx ikunu aġġettivi komparativi, ta' lewn jew ta' difett.

b) meta t-tieni kelma tkun fl-imperattiv sew jekk l-aċċent ikun għadu fuq il-vokali tal-bidu u sew jekk ikun iċċaqlaq: *Morru ìxtru*, *morru ìxtrûlna*, *iżda eħlìsna*.

## L-AĊĊENT

**1** L-aċċent hu dik is-saħħa li nagħmlu fuq il-vokali tas-sillaba.

L-aċċent jista' jkun:

1 Aċċent twil (^) *fâr, bibien.*
2 Aċċent sħiħ (\`) *qèrr, ħàrbat.*
3 Aċċent ħelu (′) *féraq.*

Minn dan naraw li

1 Vokali b'aċċent twil (^) trid urajha konsonanti waħda.
2 „ „ sħiħ (\`) „ „ żewġ konsonanti.
3 „ „ ħelu (′) „ „ konsonanti waħda.
4 „ bla aċċent, meta tkun fl-aħħar sillaba tal-kelma, trid urajha konsonanti waħda: *dárab, dàbbar.*

Nagħżlu bejn il-leħen ta' *sâr* u *sàrr*, *daq* u *daqq*, *dam* u *damm*, *min* u *minn*, *sid* u *sidt*, *għid* u *għidt.*

L-egħliem (^ \` ′) ma għandniex għalfejn ninqdew bihom ħlief fit-tagħlim, biss inħożżu l-aċċent twil f'xi kelma li rridu nagħżluha minn oħra li tinkiteb bħalha, iżda b'aċċent ieħor: *Baħħar, baħħâr*; *ġara, ġâra*; *ħadna, ħâdna*; *qaleb, qâleb.* Nistgħu ndaħħluh ukoll fi kliem bħal *ma satâx* biex nuru li xtorbot il-*għ* fil-kelma *sata(għ).*

**2** L-aċċent ma jistax jaqa' fuq konsonanti.

Mita nħossu l-aċċent fuq il-leħen ta' *i* u *u*, għandna niktbuhom vokali *i* u *u*, u mhux konsonanti *j* u *w*: *bjút, twíl*

**3** F'kull kelma jrid ikun hemm aċċent, iżda ma jistax ikun hemm iżjed minn aċċent wieħed.

Fit-tiswir u t-tusigħ tal-kelma, l-aċċent jista' jiċċaqlaq jew jinbidel, iżda ma jistax jiżdied ieħor.

**4** Il-kisra *ie* għandha dejjem fuqha aċċent twil, għax tidher flok *â.*

Mela mita jitbiddel jew jiċċaqlaq l-aċċent minn fuq il-vokali *ie*, din issir *e* jew *i.*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Missier* | = *missirijiet* | u | mhux | *missierijiet* |
| *bierek* | = *berikt* | ,, | ,, | *bierikt* |
| *qiegħ* | = *qigħân* | ,, | ,, | *qiegħân* |
| *jieħu* | = *ma jeħux* | ,, | ,, | *ma jieħux.* |

**5** Kelma ma jistax ikollha iżjed minn sillaba waħda wara dik ta' l-aċċent.

Fil-Malti ma għandniex kliem li bit-Taljan isejħulhom *sdruccioli,* u jekk xi kelma barranija minn dawn tidħol fil-Malti, titlef il-għamla tagħha u tieħu tagħna : *Dispûta* (minn *dìsputa*), *pulptu* (minn *pùlpito*).

## IL-VERB MALTI
## IL-GĦERQ TAL-KELMA

**1** Il-kelma maltija hi mibnija fuq għerq ta' TLIET KONSONANTI.

Biex insibu l-għerq, inħarsu lejn il-*mamma,* jiġifieri lejn it-tielet persuna ta' ġens raġel, għadd wieħed tal-Verb fl-Imgħoddi u nieħdu l-konsonanti tiegħu KIF INHUMA WARA XULXIN.

Mill-kelma *qatel* (li hi l-*mamma* ta' dan il-verb) għandna l-għerq Q-T-L.

Il-Verb malti hu ta' tliet konsonanti ; iżda naraw *mammi* b'anqas jew b'iżjed. Araw :

Il-Verb jista' jkun ta' SURA EWLENIJA jew ta' SURA MNISSLA.

Is-SURA EWLENIJA tista' tkun SĦIĦA (*qatel*=Q-T-L) jew *NIEQSA.*

In-*NIEQSA* tinqasam f'ħamest irjus :

1. TOROX (*radd*=R-D-D).
2. MOĦFIJA (*târ*=T-(A)-R).
3. TAX-XEBH (bl-ewwel konsonanti dgħajfa (*) : *wiret* = *W*-R-T).
4. TASSEW NEQSIN (bl-aħħar konsonanti dgħajfa : *tefa*(*j*) =T-F-*J*).
5. DGĦAJFA (b'żewġ kons. dgħajfa : *wera*(*j*)=*W*-R-*J*).

---

* Il-konsonanti dgħajfa huma *j* u *w*.

Is-SURA MNISSLA hi dejjem ġejja minn sura oħra. Hemm tmienja :

1. Ta' erba' konsonanti (dawn iktarx huma żewġ verbi ta' sura ewlenija—fil-Malti mitlufa—minsuġin flimkien): *ferfer*, *heżheż*, *berbaq*, *bagħbas*.
2. Li jtennu l-konsonanti tan-nofs: qabad=*qabbad*. Q-BB-D.
3. Li jbiddlu l-ewwel Vokali f'*â* jew *ie* : fehem=*fiehem*, qagħad=*qiegħed*, wiżen=*wieżen*.
4. Li jżidu *n* fil-bidu : faġar=*nfaġar*, daħal=*ndaħal*,
5. „ „ *t* „ qarben=*tqarben*, qâtel=*tqatel*,
6. „ „ *t* wara l-ewwel konsonanti laqa'=*ltaqa'*,
7. „ „ *st* mas-sura ta' l-Imperattiv : qarr=*stqarr*,
8. Li jbiddlu l-vokali ta' wara t-tieni konsonanti f'*â* jew *ie*: ħemer=*ħmar*, ħażen=*ħżien*, sebaħ=*sbieħ*.

Verbi li mingħalina jispiċċaw bil-vokali *a*, bħal *beda*, *ġema'*, *tefa*, *tafa'*, *wera*, *tema'*, *rema*, *sama'*, *lewa*, *beka*, *waqa'*, naħsbuhom b'żewġ konsonanti biss; iżda mhux hekk: biċċa minnhom għandhom il-konsonanti *għ*, u biċċa għandhom l-*j* fl-aħħar.

(I) Jispiċċaw bil-konsonanti *għ* verbi bħal *ġema(għ)*, *tafa(għ)*, *sama(għ)*; (ara : *ġemagħha*, *tafagħha*, *samagħha* li jinħassu *ġemaħħa*, *tafaħħa*, *samaħħa* għaliex il-*għ* mal-*h* tinħass *ħħ*. Ara *tagħha* li tinħass *taħħa*).

(II) Jispiċċaw bl-*j* Verbi bħal *beda(j)*, *tefa(j)*, *rema(j)*, *beka(j)*.

---

Tlieta huma s-suriet biex jitfisser żmien il-għamil tal-verb.

(1) L-Imperattiv li joħroġ mill-*mamma*, *qatel=oqtol*, *għamel=agħmel*, *ġerra=ġerri*, *sab=sib*;

(2) Il-Present u Futur (Awrist) li jitnissel mill-Imperattiv, *n-oqtol*, *t-agħmel*, *n-ġerri*, *j-sib*.

(3) L-Imgħoddi li hi s-sura ewlenija *qatel=qtilt*, *qtilna*, *qtiltu*, *qatlu*.

2 Fit-tiswir u fit-tusigħ tal-kelma, il-konsonanti tal-għerq la jistgħu jitbiddlu u lanqas jiċċaqalqu minn kifinhuma wara xulxin—biss jitbiddlu, jiċċaqalqu u jiżdiedu l-vokali—jew jiżdiedu konsonanti oħra mal-għerq.

QaTeL =QTiL, QaTLu, maQTuL, maQTuLin
QaLaGĦ=QLiGĦ, QaLGĦu, maQLuGĦ, maQLuGĦin
ReGĦeB=RGĦiB, ReGĦBu, miRGĦuB, miRGĦuBin

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ĦoBŻ | u mhux | ĦoPS | ara | ĦoBŻa, ĦBiŻtejn |
| KBaR | ,, | GBaR | ,, | KiBeR, KoBoR |
| maGĦMuL | ,, | maMGĦul | ,, | GĦ-M-L (għamel) |
| FeHMa | ,, | FeMHA | ,, | F-H-M (fehem) |

Nagħirfu nagħżlu l-kitba tan-nom *laqgħa* (laqagħ)=L-Q-GĦ
mill- ,, ,, *lagħqa* (lagħaq)=L-GĦ-Q

Għidna : il-konsonanti tal-għerq ma jistgħux jitbiddlu, għad li minn xi daqqiet tinħass ittra flok oħra : *ħops* flok *ħobż*. Dan hu ġej minn dak li jgħidulu tixbih tal-konsonanti.

Il-konsonanti li jixxiebhu huma :

Kons. rotob p | v | d | ż | ġ | g | għ, h li jixxiebhu mal-
Kons. qawwija b | f | t | s | ċ,x | k | ħ; għalhekk għad li xi drabi nħossu waħda minn dawn l-ittri flok l-oħra seħbitha —tant ratba kemm qawwija—noqogħdu attenti li niktbu DIK i jrid il-GĦERQ jew li trid il-GRAMMATIKA u dan nistgħu nsibuh ukoll billi din il-kelma narawha mita jkollha vokali wara dik l-ittra li tixxiebah.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Mela, niktbu *dmugħ* | u mhux | *dmuħ*—D-M-GĦ | ara | *demgħa* |
| ,, *ħadid* | ,, | *ħadit*—Ħ-D-D | ,, | *ħadida* |
| ,, *żfint* | ,, | *sfint*—Ż-F-N | ,, | *żifna* |
| ,, *f'ġieħ* | ,, | *v'ġieħ* *fi* | ,, | *fi ħdan* |
| ,, *fih* | ,, | *fiħ* | | għax il-Pronom mehmuż tat-tielet persuna hu *-h*, bil-femminil *-ha* u l-plural *-hom*. Ara *fiha*, *qaluhom*. |
| ,, *qaluh* | ,, | *qaluħ* | | |

Fit-tiswir u fit-tusigħ tal-kelma ewlenija, il-konsonanti *għ*, *j*, *w*, *a* (ie) jiddeffsu flok xulxin.

Minn *tefa(j)*=*tf*IE*t*, minn *tafa*(*għ*)=*tfa*J*t*.

Hemm tixbih li hu magħruf u mgħoddi mill-grammatka araw :

Fil-Malti l-artikolu hu *l-*, iżda dan l-artikolu jixxiebah ma' l-ewwel ittra ta' kliem li jibda b'waħda minn l-ittri xemxin. L-ittri xemxin huma : *x, ċ, (ġ), d, s, t, ż, z, l, n, r*: *ix-xemx, is-siġar, iz-zokk* flok *il-xemx, il-siġar, il-zokk.*

---

L-artikolu fil-Malti hu *l-* : dik l-*i* ta' qabel (li biha jiġi *il-*) hi żejda u ddaħħalha biss għal-leħen u għalhekk qatt ma għandna ndaħħluha mita qabel l-artikolu jkun hemm kelma li tispiċċa b'vokali : *sewwa l-bieraħ kemm il-lum.*

L-artikolu hu *l-* u mhux *li*, għalhekk ħażin jagħmel min quddiem kelma li tibda b'żewġ konsonanti jikteb *li* : *li sħab, li swar, li mgħallem* iżda għandu jikteb *l-isħab, l-iswar, l-imgħallem,* għax dik l-*i* hi tal-leħen u tmur *qabel il-kelma* u mhux wara l-artikolu.

Hawn ingħidu wkoll li l-artikolu għandu jingħaqad mal-kelma b'*daxx* u qatt b'appostrofu, għax l-appostrofu jfisser xi ħaġa nieqsa, u meta ngħidu u niktbu *l-omm, l-aħħar* ma hemm xejn nieqes.

* * *

Tixbih ieħor, magħruf ukoll mill-grammatka, hu dak li fit-tiswir kollu tal-kelma jidher dejjem l-istess, għad li l-kelma tkun ġejja minn għerq ta' konsonanti oħra. *Art* ġejja mill-Għarbi *ard,* iżda billi fil-Malti, fit-tiswir u fit-tusigħ *dejjem* tidher bit-*t,* għandna niktbuha *art* u mhux *ard.* Ara *artijiet, artna* eċċ. Għalhekk ukoll għandna niktbu :

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *guva* | għad | li ġejja minn | *cova* | (Taljan) |
| *żorba* | „ | „ | *sorba* | „ |
| *gideb* | „ | „ | *kideb* | (Għarbi) |
| *ġuħ* | „ | „ | *ġugħ* | „ |

* * *

Tixbih ieħor imgħoddi mill-grammatka :

Iż-żjieda ta' *n, t, j* quddiem is-sura ta' l-Imperattiv, is-

sawwar il-verb u tagħmlu fil-*Present* jew *Futur*. *(Awrist)*.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Ħamel*—aħmel (Imp.) | I = | jiena | *n*-aħmel | —aħna | *n*-aħmlu |
| | II = | inti | *t*-aħmel | —intom | *t*-aħmlu |
| | III = | hu / hi | *j*-aħmel / *t*-aħmel | —huma | *j*-aħmlu |

Iżda meta l-Imperattiv ikun jibda b'konsonanti, l-ittri *n*, *t*, *j*, imissu magħhom :

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *kien*—kun (Imp.) | I = | jiena | *n*-kun | —aħna | *n*-kunu |
| | II | inti | *t*-kun | —intom | *t*-kunu |
| | III | hu | *j*-kun | —huma | *j*-kunu |

Issa, meta l-ittra ta' l-ewwel persuna *n* tiġi tmiss ma' l-ittri *m*,*l*,*r*,—tixxiebah u ssir *m*, *r*, *l*, bħalhom.—L-ittra tat-tieni persuna *t* tixxiebah ma' l-ittri xemxin : *ċ*, *d*, *ġ*, *s*, *x*, *ż*, u *z*, u ssir ukoll bħalhom :

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Jiena mmur | flok | nmur | intom (i)ġġibu | flok | tġibu |
| aħna rridu | ,, | nridu | inti ssir | ,, | tsir |
| jiena llellex | ,, | nlellex | hija xxejjer | ,, | txejjer |
| inti ċċempel | ,, | tċempel | intom (i)żżerżqu | ,, | tżerżqu |
| hija ddemma' | ,, | tdemma' | hija zzekzek | ,, | tzekzek |

—Kif aħna nitkellmu fuq l-ittri *n*, *t*, *j* nistgħu ngħidu :

L-ittra ta' l-ewwel persuna *n* (jew dik li tixxiebah magħha u tidħol flokha) u tat-tieni persuna *t* (biss meta tixxiebah) mita jkunu sejra jitħaxknu bejn żewġ konsonanti, (u mita l-kelma tkun fil-bidu tal-kliem u wara l-*n* jew *t* ikun hemm konsonanti oħra) idaħħlu l-*i* tal-leħen : *Irrid inkun*; *ma ridx immur*; *rajtek iġġorr*. L-ittra tat-tielet persuna *j* (flok ma ddaħħal *i* quddiemha) tidher minflokha l-vokali *i* : *Irid ikun* flok *Jrid jkun*. Iżda mita qbilha jkollha kelma li tispiċċa b'vokali (jew warajha jkollha vokali) għandha tinkiteb sewwa : *Jiena nkun*, *tridu ġġorru*, *huwa jrid*.

**3** Il-vokali tal-leħen *(eufonica)* hi dik il-vokali li nqiegħdu quddiem xi konsonanti biex il-kelma tkun tista' tinqara : *sur*, *swar* = *l-*(*i*)*swar* : *Rmied* ⇒ *ftit* (*i*)*rmied*.

Il-vokali tal-leħen l-iżjed li nsibuha, fil-bidu tal-kelma kif ġa rajna, iżda jiġi li nsibuha wkoll fin-nofs.

Minn *ġibed* għandna *niġbdu* iżda minn *kines* għandna *nikinsu* u mhux *niknsu* : dik l-*i* hi tal-leħen jew *riffieda*.

**4** Mita waħda minn l-ittri *l*, *m*, *n*, *r*, *għ* (*liquidi*) tkun sejra titħaxken bejn żewġ konsonanti oħra, iddaħħal QUDDIEMHA vokali tal-leħen.

Bħal *nidirsu*, *miġemgħa* niktbu *nobogħdu*, *mixegħla mibegħda* bil-vokali quddiem il-konsonanti *għ*.

## IL-KONSONANTI DGĦAJFA *J* U *W*.

**1** Il-ħoss ta' *ja* u ta' *waw* quddiem jew wara vokali, jinkiteb bl-ittri konsonanti J u W u mhux bl-ittri vokali I u U.

Araw :

Waħda mill-vokali ma' l-ittri *j* u *w* tagħmel ħoss ta' sillaba waħda : *ja*, *wa*; *aj*, *aw* : sewwa sew kif tagħmel dik il-vokali ma' konsonanti oħra : *ba*, *ċa*; *ab*, *aċ* : iżda le żewġ vokali weħidhom, bħal : *oa*, *eo*, *ae*, *ea*, li, fil-leħen, jibqgħu mifrudin waħda minn l-oħra *o-a*, *e-o*, *a-e*, *e-a*.

Għalhekk nagħżlu konsonanti minn vokali, billi niktbu, ingħidu aħna, *kiwja* u mhux *kiuia*, *qawwu* (qaw-wu) u mhux *qauuu*.

**2** Il-konsonanti *j* u *w*, billi huma dgħajfa, ma jtennux irwieħhom fit-tiswir tal-kelma bla vokali għal kull waħda.

Għad li niktbu *mèss*, *fèċċ*, għandna niktbu *ħáj*, *séw*. Kif ukoll fin-nofs. Għad li minn *ħaddem* niktbu *ħaddmu*, minn *kejjel*, *newwel* għandna niktbu : *kejlu*, *newlu* (u mhux *kejjlu*, *newwlu*) biex jistgħu jinqasmu f'sillabi ta' *kej-lu*, *new-lu*, għaliex il-*j* u l-*w* ma joqogħdux bla vokoli magħhom. (Ara t-*Tagħrif*, il-10, l-40 u l-41 Regula, faċċ 10, 28 u 29).

## IL-PRONOMI MEHMUŻIN

Il-Pronomi mehmużin man-nomi huma :

| | SING. | PLURAL |
|---|---|---|
| I | —*i* | —*na* |
| II | —*ek* | —*kom* |
| III | —*u* (m)—*ha* (f) | —*hom*. |

L-ewwel tlieta *-i*, *-ek*, *-u*, jibdew b'vokali ; l-aħħar erbgħa *-ha*, *-na*, *-kom*, *-hom*, b'konsonanti : *dari*, *darek*, *daru*, *darha*, *darna*, *darkom*, *darhom*.

Fost dawn l-iżjed li jistgħu jfixkluna huma l-*u* u l-*ha*.

L-*u* (maskil) ma għandux *h* quddiemu iżda l-*a* tal-femminil għandha *h* quddiemha : *ha*.

Iż-żjieda tal-maskil *u* (vokali), f'xi kliem, tagħmel l-istess tibdil li jagħmlu l-*i* (vokali) u l-*ek* (li tibda b'vokali), waqt li ż-żjieda tal-fem.-*ha* (li tibda b'konsonanti) tagħmel bħalma jagħmlu sħabha *-na*, *-kom*, *-hom*, (li jibdew b'konsonanti).

Araw : il-partiċella *tagħ* (ta') biż-żjieda tal-pronomi tagħmel :

| | |
|---|---|
| tIEgħ-i | tAgħ-ha (li tinħass *taħħa*) |
| tIEgħ-ek | tAgħ-na |
| tIEgħ-u | tAgħ-kom |
| | tAgħ-hom (li tinħass *taħħom*) |

Iżjed, il-konsonanti *għ* u *h* mita jiltaqgħu flimkien jinħassu *ħħ*; għalhekk kieku l-pronom *u* kellu *h* quddiemu (*tagħ-hu*), il-kelma kienet tinħass *taħħu* bħalma *tagħ-ha* tinħass *taħħa*.

Għalhekk niktbu sewwa u nqabblu flimkien :

RiĠeL, RiĠL*u* RiĠeL*ha*
SeBaGĦ SeBGĦ*u* SeBaGĦ*ha*

L-istess il-verb. Semagħ (S-M-GĦ) jagħmel *semgħu*, *semagħha*, *semagħhom*.

Il-pronomi mehmużin mal-verb huma :—

| | SING. | | | PLURAL |
|---|---|---|---|---|
| I | *-ni* | | | *-na* |
| II | *-ek*, *-ok* quddiem | | kons. | *-kom* |
| | *-k* | ,, | vok. | |
| III | (mas)-*u* | ,, | kons. | *-hom* |
| | ,, *-h* | ,, | vok. *j* jew *w* | |
| | (fem.)-*ha* | | | |

Il-verb *ta* (*) — li ma jispiċċax bil-*għ* bħall-partiċella *tagħ*—jagħmel *tani*, *tak*, *tah*, *taha*, *tana*, *takom*, *tahom*. Qabbel *tana* (ta lilna) ma' *tagħna*, *takom* (ta lilkom) ma' *tagħkom*.

Il-pronomi mehmużin jistgħu jiżdiedu ma' kull sura tal-verb : *jagħti-ni*, *jagħti-k*, *jagħti-h* etc., *jagħtu-ni*, *jagħtu-k*, *jagħtu-h* etc.

Il-pronom mehmuż tat-tielet persuna, maskil, singular hu *-u* (kiel-*u*) jew *-h* (ta-*h*) iżda mhux *hu* (bħal ma rajna fuq) biss isir *-hu* mita wrajh ikollu mehmuż il-pronom dattiv *l* (lil). Dan jixhduh kliem bħal : *tamagħ* (T-M-GĦ) li jagħmel *tamagħhulu* (u għalhekk jinħass tamaħħulu).

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Mela : | *hu ta* | — | *tah* | — | *tahulu*, *tahulek* etc. |
| | *huma taw* | — | *tawh* | — | *tawhulu* etc. |
| | *hu rass* | — | *rassu* | — | *rasshulu* etc. |
| | *hu kiser* | — | *kisru* | — | *kiserhulu* etc. |
| | *hu tamagħ* | — | *tamgħu* | — | *tamagħhulu*. etc. |

Ara : *huma* rassulu *l-vit*, *iżda ħuhom* rasshulu *iżjed*.

Niftakru wkoll li dal-pronom mehmuż hu *h* u mhux *ħ* għad li fl-aħħar tal-kelma jinħass hekk : *tah*, *ħaduh*, *qatluh*. Ara l-femminil *taha* u l-plural *tahom*.

## IT-*TE* MARBUTA

Ħafna nomi li mingħalina jispiċċaw bil-vokali *a*, insibuhom li jispiċċaw b'konsonanti għad li din mhux fit-tiswir kollu tal kelma tinħass u tinkiteb.

Din igħidulha *He-Te* jew *Te marbuta*, *Eż* : *Alla(h) werqa*(*h*), *kelma(h)*, *qasba(h)*.

(*) Il-verb *ta* hu sura mqassra ta' għäta *(j)* = Għ-T-J.

Il-*He-te* tinħass u tinkiteb *t* mita mal-kelma jinhemeż il-pronom (*kelmti, lejlitha*) u meta wara dak in-nom ikun hemm nom ieħor biex jagħżlu (*qasbet sieqi, lejlet il-Milied*).

Fost il-kliem tal-għadd, il-kelmiet mit-*tlieta* sal-*għaxra* jispiċċaw bit-*t* marbuta.

Għalhekk ħażin jagħmel min jikteb *ħames titfal* jew *ħames ti tfal*; għandu jikteb *ħamest itfal* bit-*t* marbuta mal-*ħames* (*ħamsa* [*h*]) għax biċċa minnha, u bl-*i* fil-bidu ta' *tfal* għax vokali tal-leħen.

*Tlieta* u *tmienja* jsiru *tlitt, tmint* (itfal)—l-*ie* ssir *i* għax b'aċċent sħiħ.

*Erbgħa, sebgħa, disgħa* jsiru *erbât, sebât, disât*(itfal)— bil-*għ* mixruba.

*Sitta* ssir *sitt* (itfal)—flok *sittt.*

Il-kelma *il* li tidher wara kliem il-għadd mill-*ħdax* sad-*dsatax* ma hix l-artikolu *il-*, iżda biċċa mill-istess kelma tal-għadd. M'għandekx tikteb *dsatax il-xiber* iżda *dsatax-il xiber.* Dan jidher ċar : għax kieku dik l-*il* kienet l-artikolu kienet tixxiebah ma' l-ittra xemxija *x* u tinħass *dsatax ix-xiber.*

## IL-PARTIĊELLI

Il Partiċelli li jista' jkollhom jingħaqdu mal-kelma ta' wrajhom huma :

1. bi, fi, xi.

2. bħal, għal, lil, magħ, tagħ, sa, minn, da(n), ġo.

L-oħrajn jibqgħu għalihom quddiem il-kelma tkun xi tkun.

1. a) Mita l-ewwel żewġ ittri tal-kelma ta' wara *bi, fi* u *xi* huma waħda vokali u l-oħra konsonanti, l-*i* taqa' u flokha jidħol appostrofu. Eż : *B'rebħa, f'artna, x'qallek.*

b) Mita l-ewwel żewġ ittri tal-kelma huma t-tnejn konsonanti, jibqgħu sħaħ u maħlula minnha. Eż : *Bi sħab, fi ħdan, xi smajt.*

ċ) Ma' kliem ta' sillaba waħda u ma' l-artikolu jistgħu jingħaqdu. Eż : *Bdan, flok, xħin. Bl-ikrah, fis-sema.*

Il-partiċella *xi*, mita tfisser *waħdiet*, tinkiteb dejjem *xi* u qatt *x'*, imqar quddiem vokali. Eż: *Xi tifel, xi tfal, xi omm.* Ara: *Dan għamlu* xi *tifel*; x'*tifel hu?* Għalhekk ikteb *xi wieħed, xi wħud* u mhux *x'uħud.*

2. a) Il-partiċelli *bħal, għal, lil, magħ, tagħ, sa, minn, da*(n), *di*(n), *ġo* jingħaqdu biss ma' l-artikolu u jsiru *bħall-, għall-, lill-, mal-, tal-, sal-, mill-, dal-, dil-, ġol-*,—u dan mita l-kelma tkun tibda b'konsonanti. Eż: *Bħall-ħobż, massoqajn, dix-xitla, ġol-forn.*

b) Quddiem kelma bl-artikolu, li tkun tibda b'vokali, aħjar ma jingħaqdux ma' l-artikolu. Eż: *Bħal l-oħrajn, lil l-egħdewwa, ta' l-imwiet, minn l-ilma.*

Il-partiċelli *magħ, tagħ,* (li jinkitbu *ma', ta'*) mita jingħaqdu ma' l-artikolu, jitilfu l-*għ*. Eż: *Mal-ħajt tad-dar.*

Quddiem kelma, bla artikolu, li tibda b'vokali, il- *ma', ta', sa* jsiru *m', t', s'*. Eż: *M'ommi, s'issa.*

Il-partiċella *minn* ma' l-artikolu ssir *mill-*: iż-żewġ *nn* jixxiebhu f'żewġ *ll* Eż: *Mill-bogħod,* iżda *minn l-eqreb.*

Iż-żewġ *ll* ta' *bħall-, għall-, lill-* u *mill-* quddiem kliem li jibda bl-ittri xemxin (*x, ċ, ġ, d, s, t, ż, z, l, n, r*) jixxiebhu u jsiru ittra waħda. Eż: *Bħax-xemx, lis-sinjur, mil-lemin.*

Il-partiċella *lil* minn xi daqqiet tinħass *il* jew *l* u din ma għandhiex titħallat ma' l-artikolu *l-* għalhekk għandha tinkiteb *'il* jew *'l: Sejjaħ 'il wieħed, sejħu 'l wieħed.*

Mita *lil* tkun bl-artikolu (*lill-*) jiġi li tinħass ukoll *il* jew *l* u biex tidher li jkollha l-artikolu magħha għandha tinkiteb *'ill-* jew *'l-* Eż: *Sejjaħ 'ill-mara tiegħi, sejħu 'n-nisa tagħkom.*

Mita l-kliem li jieħu l-partiċella *lil* ma jkunx irid l-artikolu, noqogħdu attenti li miegħu niktbu *lil ('il, 'l)* u mhux *lill- ('ill-,'l-).* Eż: *Nitolbu 'l Alla* iżda *nisħtu 'l-allat. Alla* ma tiħux artikolu: *allat*, iva.

Il-ħwejjeġ ta' bla ruħ, fl-akkużattiv, ma jeħdux il-partiċella *lil:* "Rajt *lil* xi ħadd (lil xi persuna)" iżda "rajt xi ħaġa". Għalhekk: *Rajt lil Karmnu, rajna 'l-maqbud,* (lill-maqbud); iżda *rajt ktieb, rajna l-ktieb tiegħek.*

Biex tkun taf jekk għandekx tikteb ***bħall-ħbieb, għall-ħbieb, lill-ħbieb*** (bl-artikolu) jew ***bħal ħbieb, għal ħbieb, lil ħbieb*** (mingħajr artikolu), quddiem ***ħbieb*** qiegħed il-partiċella *fuq* u, jekk din issir *fuq il-*, ikteb ***bħall-ħbieb*** etc., jekk tibqa' *fuq* ikteb ***bħal ħbieb*** etc.

## IL-QAGĦDA TAL-*GĦ* U L-*H*

Ħafna għiltijiet isiru wkoll fil-qagħda tal-konsonanti *għ* u *h*, jiġifieri jekk hux qabel jew wara l-vokali.

Il-grammatka, bir-réguli tagħha, tgħallimna kif niktbuhom sewwa. (Ara t-*Tagħrif faċċ.* 111). Hawn nistgħu ngħidu kif nistgħu, b'xi mod, nagħirfu niktbuhom.

Mela nqabblu dik il-kelma li jkun fiha *GĦ* jew *H* ma' oħra li tkun ta' L-ISTESS GĦAMLA u li fiha minflok il-*GĦ* jew il-*H* ikun hemm *Ħ* (jew konsonanti oħra) u f'dik il-kelma nqiegħdu l-*GĦ* jew il-*H* quddiem jew wara l-vokali kif tkun qiegħda l-*Ħ* fil-kelma l-oħra.

FIL-BIDU.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Bħal *Ħ*ámel | —a*Ħ*mel | (*imp.*) | —na*Ħ*mel | —ma*Ħ*mula |
| ikteb *GĦ*ámel | —a*GĦ*mel | „ | —na*GĦ*mel | —ma*GĦ*mula. |
| Bħal *Ħ*ámmel | —*Ħ*ammel | „ | —in*Ħ*ammel | —im*Ħ*ammla |
| ikteb *GĦ*ámmed | —*GĦ*ammed | „ | —in*GĦ*ammed | —im*GĦ*ammda. |
| Bħal *Ħ*ażż | —*Ħ*ożż | „ | —in*Ħ*ażż | —ma*Ħ*żuż |
| ikteb *GĦ*add | —*GĦ*odd | „ | —in*GĦ*add | —ma*GĦ*dud. |

FIN-NOFS

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bħal Di*L*ek | — mid*L*uk | — midi*L*ka | (*i* tal-leħen) |
| ikteb ba*GĦ*ad | — mib*GĦ*ud | — mibe*GĦ*da | (*e* „ ) |
| Bħal ki*S*er | — ki*S*ra | — nik*S*ru | |
| ikteb fe*H*em | — fe*H*ma | — nif*H*mu. | |

FL-AHHAR

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bħal kise*R* | — kis*R*a | — niks*R*u | — kise*R*ha |
| ikteb laqa*GĦ*(') | — laq*GĦ*a | — nilq*GĦ*u | — laqa*GĦ*ha. |

Għall-kitba ta' "erb*għ*a, seb*għ*a, dis*għ*a" nimxu fuq il-kitba ta' "ħam*s*a" u għalhekk mita nħossu li għandna niktbu "il-ħame*s*" niktbu wkoll "ir-raba*għ* (raba'), is-seba*għ* (seba') id-disa*għ* (disa')".

Mela ħames ħobżiet—ħamsa min-nies
erbagħ ħobżiet—erbgħa min-nies

Mita l-*għ* tkun l-aħħar ittra tal-kelma u ma tkunx tinħass, jidher minflokha appostrofu: *qala'*, *semma'*, *ma'*, *ir-raba'* iżda mita tieħu l-ħoss ta' *ħ* għandha dejjem tidher: *qligħ*, *żebagħ*.

Fil-bidu tal-kelma, il-*għ* ma titħaxkinx ma' konsonanti oħra. Għad illi niktbu "*ĦM*ilt minn *Ħ*a*M*el" ma niktbux "*GĦM*ilt minn *GĦ*a*M*el" iżda *għamilt* jew *agħmilt*.

Hekk ukoll niktbu "*FK*ieren minn *F*e*K*run" iżda le "*GĦS*afar minn *GĦ*a*S*fur". Niktbu ***għasafar*** jew ***agħsafar***.

## EGĦLUQ

I.

Għandna 3 Verbi li għandhom il-għerq jispiċċa bil-konsonanti *H* għad li f'xi tiswir—tinħass *Ħ*.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *XeBaH* | ara | *xbieHa* | għalhekk | ***xebh***, | ***jixbhu jixbahha.*** |
| *BoLoH* | ,, | ***bluHa*** | ,, | ***belha***, | ***imbellah, bellhu,*** |
| *KoRoH* | ,, | ***kruHa*** | ,, | ***kerha***, | ***mkerrah kerrhu.*** |

Għandna 2 Verbi li għad li l-għerq tagħhom jispiċċa bil-*GĦ* fit-tiswir tal-kelma ma jimxux għal kollox ma' sħabhom *qalagħ*, *ġamagħ* etc.

Dawn huma *ŻeBaGĦ* u
*FoRoGĦ*.

Fejn ingħidu u niktbu *qala'*, *qlajt*, *qlajna* għandna niktbu ***żabagħ***, ***żbagħt***, ***żbagħna—forogħ***, ***frogħt***, ***frogħna.*** Dan jiġri għax il-*Għ* ta' ***żabagħ*** u ***forogħ*** hi iżjed qawwija minn ta' *qalagħ*, *ġamagħ*, (*) etc. Għalhekk jikteb ***żbagħt***, ***frogħt***, u mhux ***żbajt***, ***froħt***.

---

(*) Fil-Malti, bħal fil-Għarbi, hemm żewġ *GĦ*: waħda iżjed qawwija minn l-oħra, iżda billi fil-Malti t-tnejn iktarx nħassu xorta, jinkitbu t-tnejn *GĦ*.

II

Billi l-ħoss twil ta' *i* jew *ie* quddiem il-konsonanti talgerżuma *għ, h, ħ, q,* jista' jqarraqna, tajjeb li wieħed jiftakar dan:

Il-kliem li jfisser l-egħmil ta' xi ħaġa *(nomi infinitivi)* jinkiteb bil-vokali *i* qabel l-aħħar konsonanti: u għalhekk bħalma niktbu *qtil, tqattir* niktbu wkoll *ġmigħ, inbiħ, tixbih*; waqt li l-isem ta' min jagħmel dak l-egħmil jinkiteb bil-*ie*: *ġemmiegħ, nebbieħ, xebbieh* bħal *qattiel, kittieb*.

Mill-bqija ikteb *ie* mita tkun flok *â*:—

*saħħiet* flok *saħħa-t*
*ħallieh* „ *ħalla-h* = *hu ħalla lilu*, iżda
*ħallih* għal *ħalli-h* = *int ħalli lilu.*

Hekk ukoll *biegħ, fieq* u l-verbi moħfijin l-oħra kif ukoll *blieh, xjieħ, djieq*, u l-verbi mnisslin ta' dil-għamla.

Barra minn dawn, tajjeb li wieħed jiftakar jew iżomm quddiem għajnejh l-ortografija ta' dal-kliem li hi mibnija fuq *l-etimoloġija* tal-kelma.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bih-a | għolliq (*xewk*) | qiegħ-a | sħiħ-a |
| bittieħ-a | għollieqa | qurriegħa | siegħ |
| bżieq | ħlieqa (*ċajta*) | rebbiegħa | siegħa |
| diq diqa | ħliqa (*creatura*) | riħ—rjieħ | sieq |
| dqieq | ħurrieq | riħa | tieqa |
| driegħ | lfiq | riq | trieq |
| dulliegħ-a | lħiħ-a | rqiq-a | tuffieħ-a |
| fih-a | mistrieħ | rwieħ | xbieh-a |
| friegħi | musbieħ | sabiħ-a | xħiħ-a |
| fwieħa | nieqa | sbieħ | xiħ-a |
| ġieħ | nixxiegħa | sejjieħ | xniegħa |
| għalih-a | qatigħ | sfiq-a | żerriegħa |